MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2013

Avviz Numru. 83/2013

**Fl-atti ta' l-Ittra Ufficjali 646/13 fl-ismijiet:**

**Joseph u Dorianne konjugi Micallef**

**Vs**

**Marvic Al Meraash**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Marvic Al Meraash fit-28 ta' Frar 2013 permezz ta' liema topponi l-esekuzzjoni tal-kambjali formanti s-suggett ta' l-ittra ufficjali bin-Numru 646/13 u titlob is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' l-imsemmija kambjali minhabba ragunijiet gravi u validi fil-Ligi;

Rat id-dokumenti, ossia fotokopji ta' numru ta' kambjali, annessi mar-Rikors promotur a fol. 2 sa' 4 tal-process;

Rat ir-Risposta ta’ Joseph u Dorianne konjugi Micallef permezz ta’ liema jopponu ghat-talba tar-Rikorrenti u jitolbu li l-istess tibi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, ghal diversi ragunijiet moghtija fl-istess Risposta;

Semghet ix-xhieda ta’ Dorianne Micallef moghtija waqt is-seduti ta’ l-24 ta’ l-Gunju 2013[1] u ta’ l-1 ta’ Lulju 2013[2] u rat id-dokumenti esebiti minnha u markati Dok. “DM1” a fol. 16 u 17 tal-process u Dok. “DM2” a fol. 27 sa’ 29 tal-process u semghet ix-xhieda ta’ Braydon Azzopardi moghtija waqt is-seduta ta’ l-1 ta’ Lulju 2013[3];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti topponi l-esekuzzjoni ta’ zewg kambjali li skadew rispettivament fl-1 ta’ Frar 2012 u fit-3 ta’ Lulju 2012, intentata mill-intimati konjugi Micallef permezz ta’ l-ittra ufficjali datata 12 ta’ Frar 2013[4]. Ir-Rikorrenti istitwiet dawn il-proceduri in bazi ghall-*proviso* ta’ l-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi li *l-Qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista’, b’digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-ezekuzzjoni ta’ dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f’parti minnha u sew suggett ghal garanzija kif ukoll minghajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-ezekuzzjoni ta’ dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li ghandu jsir fi zmien ghoxrin jum min-notifika ta’ l-ittra ufficjali li tintbaght biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minhabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex*

[1] Fol. 18 sa’ 25 tal-process.
[2] Fol. 30 sa’ 33 tal-process.
[3] Fol. 34 sa’ 40 tal-process.
[4] Dok. “DM2” a fol. 27 sa’ 29 tal-process.

*topponi dik l-ezekuzzjoni u f'dak il-kaz biex persuna tesigi l-hlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipprocedi b'kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc.*

Ir-Rikorrenti tibbaza t-talba taghha ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' l-imsemmija zewg kambjali in bazi ghas-segwenti ragunijiet: (a) preliminarjament, hija hallset is-somma ta' €900 mill-ammont dovut u ghalhekk it-talba ta' l-intimati konjugi Micallef hija zbaljata; (b) jezistu kambjali ohra minbarra dawk prezentati, u dan kif jidher car mid-dokumenti annessi mar-Rikors promotur[5], u dawn kienu l-kambjali originali; (c) il-kambjali originali kienu jistipulaw terminu ta' zmien, liema zmien ghadu qed jiddekorri; u li (d) il-kambjali li gew prezentati gew karpiti b'mod abbuziv.

L-intimati konjugi Micallef jopponu ghat-talba tar-Rikorrenti u jitolbu li l-istess tigi michuda ghaliex: (i) ma huwiex minnu li r-Rikorrenti hallset xi ammont mis-somma dovuta skond il-kambjali mertu ta' dawn il-proceduri u fir-rigward ta' pagamenti ohra li saru mill-istess Rikorrenti, huma tawha lura l-kambjali relattivi; (ii) huma illimitaw it-talba taghhom ghal dawk il-kambjali li skadew skond kif miftiehem; (iii) huma kategorikament jichdu li l-kambjali gew karpiti b'mod abbuziv u dan anke in vista tal-fatt li tali kambjali gew iffirmati volontarjament mill-istess Rikorrenti fir-rigward ta' vettura minnhom lilha mibjugha u li ghadha fil-pussess taghha jew ta' familjari taghha; u (iv) fi kwalunkwe kaz ma jezistux dawk ir-ragunijiet mehtiega mil-Ligi sabiex tigi opposta l-esekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni a tenur ta' l-Artikolu 253 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ewwel kwistjoni li se tigi trattata mill-Qorti hija dik dwar l-allegat hlas ta' €900 mir-Rikorrenti lill-intimati konjugi Micallef mill-ammont lilhom dovut.

Mix-xhieda li tat l-intimata Dorianne Micallef waqt is-seduta ta' l-24 ta' Gunju 2013[6] irrizulta li r-Rikorrenti u zewgha kienu akkwistaw minghand l-intimati karozza

[5] Fol. 2 sa' 4 tal-process.
[6] Fol. 18 sa' 25 tal-process.

ghall-valur ta' €5,850 u mutur ghall-valur ta' €1,747, liema zewg transazzjonijiet kienu koperti b'zewg kambjali wahda ghall-valur ta' €5,850 u l-ohra ghall-valur ta' €1,747. Minn dawn l-ammonti r-Rikorrenti u zewgha hallsu s-somma ta' €750 permezz ta' hames pagamenti ta' €150 il-wiehed, li però gew imhallsa kollha fl-istess data, b'dana li llum fadal bilanc ta' €6,847, li huwa appuntu l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali bin-numru 646/13 datata 12 ta' Frar 2013. Il-fatt li r-Rikorrenti u zewgha s'issa hallsu biss l-ammont ta' €750 gie lkkonfermat minn hu r-Rikorrenti Braydon Azzopardi waqt is-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2013[7]. Braydon Azzopardi jirrikonoxxi wkoll li sa' dakinhar li kien qed jixhed quddiem din il-Qorti r-Rikorrenti kellha erba' pagamenti b'lura izda jikkontendi li fir-rigward tal-pagamenti l-ohra dovuti ghadu ma skadiex it-terminu entro liema ghandu jigi effettwat il-hlas ghaliex skontu tali pagamenti ghandhom isiru bir-rata ta' €150 fix-xahar debitament koperti b'kambjali ffirmati minn ohtu u zewgha.

Mill-provi prodotti ghalhekk jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti l-intimati konjugi Micallef s'issa rcevew biss l-ammont ta' €750 u mhux ta' €900 mill-ammont komplessiv ta' €7,597 dovut lilhom ghall-bejgh tal-vettura u mutur lir-Rikorrenti u zewgha u ghalhekk il-bilanc li ghadu dovut lilhom huwa ta' €6,847, li kif già osservat huwa l-ammont li r-Rikorrenti giet interpellata thallas bl-ittra ufficjali bin-Numru 646/13 datata 12 ta' Frar 2013. B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrenti l-ammont mitlub mill-intimati konjugi Micallef ma huwiex zbaljat.

Trattata din il-kwistjoni l-Qorti issa ser tghaddi biex tikkonsidra kwistjoni ohra sollevata mir-Rikorrenti in sostenn tat-talba taghha ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni taz-zewg kambjali li skadew fl-1 ta' Frar 2012 u fit-3 ta' Lulju 2012, u cioè li apparti dawn iz-zewg kambjali li l-intimati konjugi Micallef jittentaw jirrendu esegwibbli ai termini ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, hemm numru ta' kambjali ohra li gew iffirmati bejniethom fir-rigward ta' l-istess negozju, liema

[7] Fol. 34 sa' 40 tal-process.

kambjali ghadhom ma skadewx u b’hekk ghadhom mhux dovuti.

Fir-rigward Braydon Azzopardi, hu r-Rikorrenti, jiddikjara li meta sehh in-negozju bejn l-intimati konjugi Micallef u r-Rikorrenti u zewgha, ghal liema negozju huwa kien prezenti, ir-Rikorrenti u zewgha iffirmaw numru – ossia iktar minn tnejn – ta’ kambjali ghall-valur ta’ €150-il wahda liema kambjali kellhom jithallsu fuq perijodu ta’ zmien, liema perijodu ghadu ma ghalaqx. Huwa jikkonferma li l-kambjali li gew esebiti flimkien mar-Rikors promotur huma whud minn dawn il-kambjali ta’ €150-il wahda u huma appuntu dawk il-kambjali li già thallas il-valur taghhom lill-intimati konjugi Micallef. Huwa kategorikament jichad kemm li dawn il-kambjali in verità huma biss ricevuti ta’ hlasijiet effettwati kif ukoll li apparte z-zewg kambjali mertu ta’ dawn il-proceduri ma hemmx kambjali ohra mahrugin bejn l-intimati konjugi Micallef u r-Rikorrenti.

Da parte taghha l-intimata Dorianne Micallef tiddikjara li l-unici kambjali li jezistu bejnha u zewgha u r-Rikorrenti u zewgha huma z-zewg kambjali li skadew fl-1 ta’ Frar 2012 u fit-3 ta’ Lulju 2012, ossia dawk il-kambjali li qed jigu rezi esegwibbli bl-ittra ufficjali bin-numru 646/13 datata 12 ta’ Frar 2013. L-intimata tispjega n-negozju u il-konsegwenti ftehim li hi u zewgha kellhom mar-Rikorrenti u zewgha bil-mod segwenti: ir-Rikorrenti u zewgha akkwistaw minghandhom karozza u mutur rispettivament ghall-valur ta’ €5, 850 u €1,747. Dan in-negozju kien kopert b’zewg kambjali wahda ghall-valur ta’ €5,850 li skadiet fit-3 ta’ Lulju 2012 u l-ohra ghall-valur ta’ €1,747 li skadiet fl-1 ta’ Frar 2012. Dawn huma l-unici kambjali ezistenti bejniethom. Ghalkemm kien hemm dawn iz-zewg kambjali ntlahaq ftehim bejnhom u r-Rikorrenti u zewgha dwar il-modalità tal-hlas, u cioè li l-hlasijiet isiru f’pagamenti ta’ €150-il wiehed b’dana però li jekk ma jithallsux zewg pagamenti r-rimanenti bilanc isir dovut fl-intier tieghu skond il-kambjali rispettivament mahruga. Ir-Rikorrenti jew ahjar zewgha effettwa f’darba wahda hames pagamenti ta’ €150-il wiehed ghal liema pagamenti harget ricevuti fil-forma ta’ kambjali, li huma l-kambjali fil-pussess tar-Rikorrenti u minnha annessi mar-Rikors promotur. Peress

illi r-Rikorrenti ma baqghetx taffettwa iktar pagamenti wara l-hlas tas-somma ta’ €750, skattat il-kondizzjoni miftiehma bejniethom u l-bilanc dovut sar hekk dovut fl-intier tieghu skond il-kambjali in kwistjoni.

Wara li qieset sew kemm ix-xhieda ta’ l-intimata kif ukoll ix-xhieda ta’ Braydon Azzopardi l-Qorti ma hijiex affattu konvinta mill-fatt li flok jew apparte z-zewg kambjali li skadew fl-1 ta’ Frar 2012 u fit-3 ta’ Lulju 2012 rispettivament jezistu numru ta’ kambjali ohra ghall-valur ta’ €150-il wahda li sa’ llum ghad illi rikonoxxuti bhala dovuti ghadhom ma skadewx, kif allegat minn Braydon Azzopardi. Fil-fehma tal-Qorti hija iktar kredibbli l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-intimata Dorianne Micallef u cioè li nonostante l-hrug taz-zewg kambjali li kienu jghalqu fl-1 ta' Frar 2012 u fit-3 ta' Lulju 2012, l-intimati konjugi Micallef ftehmu mar-Rikorrenti u zewgha li l-hlasijiet isiru permezz ta' pagamenti rateali ta' €150-il wiehed, b’dana ghalhekk li t-terminu ghall-hlas gie estiz oltre d-data ta’ l-iskadenza tal-kambjali in kwistjoni, bil-kondizzjoni però li jekk ma jigux effettwati zewg pagamenti l-bilanc pendenti jsir dovut fl-intier tieghu skond il-kambjali u entro t-terminu ta’ skadenza stabbilit fihom.

Li dan kien il-ftehim bejn l-intimati konjugi Micallef u r-Rikorrenti u zewgha johrog car mill-fatt li ghall-pagament ta' €750 li sar f'darba inhargu hames kambjali bhala ricevuti tal-valur ta' €150-il wahda. Li dawn il-kambjali ta' €150-il wahda kienu ricevuti tal-hlas u mhux kambjali veri e proprji kif allegat minn Braydon Azzopardi jirrizulta mill-fatt li d-dati tal-'hrug' kif indikati fuqhom huma 3 ta' Jannar 2012, 3 ta' Frar 2012, 3 ta' Marzu 2012, 3 ta' April 2012 u 3 ta' Mejju 2012 filwaqt illi d-data ta' l-'iskadenza' f' kull wahda minnhom hija l-1 ta' Marzu 2012. L-unika spjegazzjoni logika ghal dawn id-dati hi li d-dati tal-'hrug' jirrapprezentaw id-dati meta l-pagamenti mensili kienu dovuti u d-data ta' l-iskadenza hija d-data meta gie effettwat il-hlas. Bid-dati kif inhuma d-dokumenti esebiti mir-Rikorrenti flimkien mar-Rikors promotur difficilment jistghu jigu kkunsidrati bhala kambjali vera e proprio imma huma bla dubju ta' xejn ricevuti tal-hlas. In kwantu rigwarda l-kondizzjoni li jekk ma jigux effettwati zewg

pagamenti l-bilanc pendenti jsir dovut fl-intier tieghu skond il-kambjali u entro t-terminu ta’ skadenza stabbilit fihom, il-Qorti ma ghandhiex dubju li fil-fatt din il-kondizzjoni giet espressament miftiehma bejn il-partijiet. Apparte l-fatt li x-xhieda moghtija minn Braydon Azzopardi ma hijiex affattu kredibbli, ma jaghmel ebda sens logiku li tinhareg kambjala li tiskadi f'data specifika imma imbaghad jigi miftiehem terminu ghall-hlas li jmur oltre d-data ta' l-iskadenza tal-kambjala minghajr ma jkun hemm kondizzjoni espressament imposta mill-kreditur li f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament tali ftehim jaqa’ u minflok l-ammont dovut isir dovut skond u entro t-termini stabbiliti fil-kambjala relattiva. Kwalunkwe xenarju differenti jirrendi l-kambjala mahruga pratikament ghal kollox inutili.

Stabbilt dan kollu jehtieg issa jigi determinat jekk l-ezistenza ta' dan il-ftehim dwar il-modalità tal-hlas bejn l-intimati konjugi Micallef u r-Rikorrenti u zewgha jikkostitwixxix raguni gravi u valida li ghandha twassal ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tal-kambjali mertu tal-kontestazzjoni.

Kif già iktar ‘l fuq osservat bil-ftehim milhuq bejn l-intimati konjugi Micallef u r-Rikorrenti u zewgha dwar il-modalità tal-hlas gie li l-ammonti dovuti lill-intimati konjugi Micallef setghu jithallsu f’perijodu ta’ zmien itwal minn dak indikat fil-kambjali rispettivament mahruga fit-3 ta’ Dicembru 2011 u fit-28 ta’ Dicembru 2011. Jigi immedjatament osservat però li kwalunkwe terminu marbut mal-hlas ta’ l-ammont ta’ €1,747, kopert bil-kambjala mahruga fit-28 ta’ Dicembru 2011 ormai lahaq sakada u kien già skada qabel ma giet ipprezentata l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Frar 2013. Ghalhekk ma hemm ebda raguni valida ghalfejn l-intimati konjugi Micallef ma jistghux u ma ghandhomx jipprocedu ghall-esekuzzjoni ta’ l-istess kambjala fil-konfront tar-Rikorrenti ai termini ta’ l-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fir-rigward ta’ l-ammont ta’ €5,850, kopert bil-kambjala li nharget fit-3 ta’ Dicembru 2011 u li skadiet fit-3 ta’ Lulju 2012, huwa veru li t-terminu ghall-hlas skond il-ftehim milhuq wara l-hrug ta’ l-istess kambjala kellu jiskadi ferm

wara d-data ta’ l-iskadenza taghha izda, peress illi kien hemm il-kondizzjoni espressa li f’kaz ta’ nuqqas ta’ hlas ta’ zewg pagamenti l-bilanc rimanenti jsir dovut fl-intier tieghu skond u entro t-termini ta’ dik il-kambjala, liema kondizzjoni effettivament irrizulta li sehhet peress illi Braydon Azzopardi kkonferma li hemm erba’ pagamenti b’lura, hawn ukoll ma tirrizultax raguni gravi u valida li ghandha twassal ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni ta’ din il-kambjala partikolari.

Huwa principju guridiku ormai stabbilit li normalment jekk it-terminu ta’ dekadenza huwa espress wiehed ma ghandux bzonn jirrikorri ghall-procedimenti gudizzjarji biex id-debitur jigi kkundannat jew il-kreditur ikun awtorizzat jipprocedi. Izda jekk hemm xi cirkostanzi partikolari li jindikaw li hemm bzonn ta’ konferma mill-Qorti imbaghad dan il-principju ma jibqax jghodd u l-kreditur ikollu jghaddi mill-proceduri gudizzjarji opportuni. Fil-kuntest ta’ kambjali dan il-principju ghandu jigi kkunsidrat ukoll fid-dawl ta’ dak provdut fl-Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc, Kap.13 tal-Ligijiet ta’ Malta, *l-eccezzjonijiet li huma persunali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja. Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smigh taghhom isir f’kawza ghaliha, u, sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingharjha, skont ma jidhrilha l-qorti, m’ghandhiex tkun imdewma*.

Ghalkemm il-principju appena citat huwa normalment applikat fil-kuntest ta’ azzjoni kambjarja, ma hemmx dubju li l-istess ghandu jigi kkunsidrat ukoll fid-determinazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk fi proceduri istitwiti ai termini tal-*proviso* ta’ l-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta jissistux ragunijiet ohra gravi u validi li jiggustifikaw is-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tal-kambjala.

Kif già iktar ‘l fuq osservat, fil-kaz in ezami jirrizulta – tramite x-xhieda ta’ Braydon Azzopardi prodott bhala xhud mir-Rikorrenti stess – illi r-Rikorrenti zgur naqset milli thallas, u fil-prezent ghadhom mhux imhallsa, erba’ pagamenti u ghalhekk ma hemmx dubju li l-kondizzjoni

specifikatament imposta mill-intimati konjugi Micallef. Ladarba hemm din l-ammissjoni kif ukoll konferma da parte ta' l-istess Braydon Azzopardi li ohtu r-Rikorrenti trid thallas lill-intimati konjugi Micallef, il-Qorti ma ssib ebda raguni valida u gravi in bazi ghal liema ghandha tordna s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tal-kambjala ghall-valur ta' €5,850 fil-konfront tar-Rikorrenti u minflok tikkostringi lill-intimati konjugi Micallef jipprocedu b'kawza skond il-Kodici tal-Kummerc jew kwalunkwe azzjoni ohra idoneja.

Ir-Rikorrenti tikkontendi wkoll li l-kambjali in kwistjoni gew karpiti b'mod abbuziv. Huwa evidenti li b'din l-affermazzjoni r-Rikorrenti qed timplika mala fidi da parte ta' l-intimati konjugi Micallef. Fir-rigward ta' allegata mala fidi huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *ghandu dejjem jinghad li wiehed huwa bona fidi, u min jeccepixxi l-mala fidi ghandu jiprruvaha* – Artikolu 532 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kaz in ezami però r-Rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova xi forma ta' mala fidi da parte ta' l-intimati konjugi Micallef u ghalhekk il-pretensjoni taghha li l-kambjali in kwistjoni gew karpiti b'mod abbuziv tirrizulta ghal kollox infondata.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk il-Qorti ma ssib ebda raguni valida u gravi in bazi ghal liema ghandha tossospendi l-esekuzzjoni taz-zewg kambjali li skadew fl-1 ta' Frar 2012 u fit-3 ta' Lulju 2012 rispettivament intentata mill-intimati konjugi Micallef bl-ittra ufficjali bin-Numru 646/13 datata 12 ta' Frar 2013, ghall-fini li jottjenu l-hlas tas-somma ta' €6,847 lilhom dovuta mir-Rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-Rikorrenti avvanzata bir-Rikors ipprezentat fit-28 ta' Frar 2013.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------